MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 39/2009

**Anthony Scicluna**

**vs**

**Bank of Valletta plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-4 ta' Frar, 2009, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lis-socjeta` intimata quddiem din il-Qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef mija u wiehed Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€5,101.32), flimkien mal-imghax minn meta dan l-

ammont – jew il-partijiet relattivi minnu – gew dovuti, sad-data tal-hlas relattiv;

2. Illi dan l-ammont jirrapprezenta: (i) kwantu ghall-ammont ta' tlett elef seba` mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3,773.58), bilanc dovut mis-socjeta` intimata u lilu fuq il-'*lump sum payment*' li kien dovut lilu skont l-i'*Special Retirement Scheme*' u li l-mittenti applika ghaliha fl-24 ta' Gunju, 2003; (ii) l-ammont ta' elf tlett mija u sebgha u ghoxrin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, (€1,327.74), rapprezentanti bilanc fuq it-'*top up pension*' li gie dovut lir-rikorrenti sa l-ahhar ta' Jannar, 2009, skont '*Special Retirement Agreement*' milhuq bejn il-partijiet fit-23 ta' Dicembru, 2009;

3. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 4822/08 spedita f'Ottubru 2008;

4. Illi s-socjeta` intimata hi wkoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata is-16 ta' Marzu, 2009, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istess rikorrenti jhallsu u qed jithallsu skont il-ftehim milhuq bejn il-partijiet datat 23 ta' Dicembru 2003, li ghalieh jaghmel referenza r-rikorrent stess;

2. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrent Anthony Scicluna kien ilu impjegat mas-socjeta` intimata gia` maghrufa bhala n-'*National Bank of Malta Limited*' sa minn Awwissu tal-1963;

2. Illi kwazi erbghin (40) sena wara, senjatament f'Gunju 2003, ir-rikorrent appilka biex jirtira prekocement u f'dan iz-zmien kien lahaq il-grad ta' '*Manager 3*' responsabbli mill-irkupri gewwa Ghawdex;

3. Illi fl-istess imsemmija sena l-bank intimat kien offra lill-impjegati tieghu il-possibilita` li jirtiraw qabel ma jilhqu l-eta` penzjonabbli kemm-il darba pero` jkunu lahqu l-hamsin (50) sena t'eta` u jkunu hadmu mal-bank ghal ta' mill-anqas, perjodu t'ghaxar (10) snin;

4. Illi meta l-applikazzjoni tal-penzjonant prospettiv tigi milqugha, dan il-penzjonant prospettiv inghata wkoll l-ghazla naxxenti minn skema appozita li:

(i) Jew jircievi paga ekwivalenti ghal zewg terzi (2/3) tal-paga tieghu fiz-zmien li fiha kienet tapplika din l-iskema;

(ii) Jew jircievi somma konsistenti f'pagament wiehed globali ekwivalenti ghall-tlett (3) snin paga fl-ammont ta' paga li l-impjegat ikun wasal ghaliha f'dak il-perjodu sakemm dan l-ammont ma jeccidix s-salarju komplessiv dovut sa zmien tal-irtirat fl-eta` ta' wiehed u sittin sena (61); (ara fol 19);

5. Illi dawn il-kondizzjonijet kienu stipulati fi skema appozita formanti parti tal-Ftehim Kollettiv tal-2002;

6. Illi di piu`, jirrizulta li ai termini ta’ ftehim datat 15-26 ta’ Dicembru, 1983, konkluz bejn il-Bank intimat u l-membri tal-*‘Consolidated Staff and Widows and Orphans Pension Fund’*, il-Bank intimat kien obbligat ihallas lill-membri, mill-eta` ta’ wiehed u sittin (61) sena-il quddiem, id-differenza bejn il-pensjoni tas-Sigurta` Socjali li l-impjegat jircievi u z-zewg terzi (2/3) tal-paga tieghu meta dan jirtira mix-xoghol;

7. Illi meta r-rikorrent wasal biex jaghlaq is-sebgha u hamsin (57) sena ddecieda li jirtira b’effett mit-28 ta’ Gunju 2004, taht il-kondizzjonijiet fuq indikati;

8. Illi in effetti issottometta l-applikazzjoni ghall-irtirar prekoci fit-23 ta’ Gunju, 2003, u li kien ghazel l-opzjoni li jircievi somma globali ekwivalenti kif fuq deskritt;

9. Illi permezz ta’ ittra datata t-23 ta’ Dicembru 2003, il-bank intimat informa lir-rikorrent li kien laqgha t-talba tieghu, fost l-ohrajn, bis-segwenti kondizzjonijiet: (ara fol 20)

(i) Illi l-irtirar tar-rikorrent kellu jkun b’effett mid-29 ta’ Gunju 2004;

(ii) Illi r-rikorrent kellu jinghata somma globali ta’ tmienja u erbghin elf, disgha mija u hamsa u erbghin Lira Maltin, (48,945.00,0), ekwivalenti ghall-tlett (3) darbiet is-salarju anwu li kien qed jircievi;

(iii) Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kellu jithallas mill-bank intimat lir-rikorrent mad-data ta’ l-irtirar tar-rikorrent;

(iv) Illi inoltre r-rikorrent kien ukoll intitolat ghall-assikurazzjoni tas-Sahha u ghas-servizzi t’Infermier applikabbli skont il-Ftehim Kollettiv;

(v) Illi kien ukoll intitolat ghall-dak li hu deskritt bhala "*Topping-Up Arrangement*" li permezz tieghu l-pensjoni tas-Sigurta` Socjali kienet tigi migjuba ghall-ammont ekwivalenti ghaz-zewg terzi, (2/3), tas-salarju imensili pagabbli fid-data ta' l-irtirar, u dan, skont kif pattwit fl-imsemmi ftehim, (ara fol 21);

10. Illi r-rikorrent pero` jallega li l-bank rikorrent zbalja fil-komputazzjoni ta' din is-somma u flok ibbaza s-somma dovuta fuq salarju annwali ta' sittax-il elf tmien mija u hamsa u hamsin Lira Maltin, (LM 16,855.00,0), li kien qed jircievi fil-perjodu relattiv, ibbaza minflok fuq l-ammont ta' sittax–il elf tlett mija u hmistax il-Lira Maltin (LM 16,315.00,0), (ara 16);

11. Illi konsegwenza ta' dan, ir-rikorrent isostni li rceva elf sitt mija u ghoxrin Lira Maltin, (Lm 1,620.00,0), anqas mill-ammont dovut lilhu, u li inoltre, dan l-izball baqa` jigi ripetut fit-'*top-up*' relattiv li kien qed isir mensilment u konsegwentement jirrizulta wkoll li r-rikorrent jircievi tletin Lira Maltin (Lm 30.00,0) fix-xahar anqas mill-ammont attwalment dovut, u dan, mill-1 t'April, 2009;

12. Illi stante li l-partijiet naqsu li jaslu ghal xi forma ta' ftehim, kellha allura tigi ntavolata din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni tal-Bank intimat tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi hu minnhu li l-Bank intimat kien introduca skema ta' irtirar kmieni ghall-dawk l-impjegati li kienu ghalqu l-hamsin (50) sena t'eta`;

2. Illi skont '*manager*' tal-bank intimat, il-paga tar-rikorrent li fuqha kellha tigi mahduma s-somma globali tar-rikorrent kellha tinhadem fuq sittax-il elf tmien mija u erbgha u disghin Lira Maltin, (Lm 16,894.00,0), (ara fol 33);

3. Illi peress li s-salarju tar-rikorrent gie ikkalkulat erraneament f'ammont anqas, allura d-differenza kellha tigi mizjuda kif indikata fol 54;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura li tirrilata ghall-oghti ta' pagament dovut lir-rikorrent mis-socjeta` intimata flimkien mal-imghax relattiv minn meta' dan l-ammont kien sar dovut, senjatament mit-28 ta' Gunju, 2004;

Illi in effetti l-vertenza in dizamina tiddependi kompletament mill-kondizzjonijiet pattwiti fil-Ftehim Kollettiv fuq indikat u fuq is-salarju li r-rikorrent kien effettivament qed jircievi fil-mument meta giet koncessa lilhu l-pensjoni relattiva a bazi ta' skema appozita regolarment mahruga mis-socjeta` intimata;

Illi jirrizulta li s-salarju tar-rikorrent f'dan il-mument indikat fil-paragrafu precedenti kien dak indikat mill-istess rikorrent u mhux dak indikat lilhu mis-socjeta` intimata, (ara fost l-ohrajn anke fol 54);

Illi ghalhekk, dan mhux biss involva diskrepanza fis-somma intiera tal-pensjoni kif kellha tinhadem a bazi tal-ftehim kollettiv, (fuq is-salarju tal-ahhar tlett (3) snin), izda anke fuq it-'*top-up*' li kellhu allura jsir a bazi tal-istess ftehim;

Illi del resto, ghalkemm is-socjeta` intimata qed tirrespingi t-talbiet tar-rikorrent, il-'*managers*' taghha ma jissufragawiex, (ara fol 33 u 55);

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi ir-risposta tas-socjeta` intimata, takkolji t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement:

1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata *Bank of Valletta p.l.c.* ghandha thallas lir-rikorrent Anthony Scicluna l-ammont ta' hamest elef mija u wiehed Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€5,101.32), kif deskritt fir-rikors promotur;

2. Tikkundanna lill-imsemmija socjeta` intimata thallas l-ammont hekk fuq indikat lir-rikorrent in dizamina;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi mit-23 ta' Dicembru, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------